DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-22 ta' April 2008

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2006, Taqsima IX – il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

(2009/196/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2006 ([1]),

— wara li kkunsidra l-kontabilità annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2006 – Volum I (C6-0370/2007) ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data lill-awtorità tal-kwittanza rigward il-verifiki interni mwettqa fl-2006,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006 u r-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li ġew verifikati ([3]),

— wara li kkunsidra l-istqarrija ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti pprovduti mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10), 274, 275 u 276 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]), u partikolarment l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0094/2008),

1. Jagħti l-kwittanza lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu għas-sena finanzjarja 2006;

2. Jindika l-osservazzjonijiet tiegħu fir-riżoluzzjoni ta' hawn taħt;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din id-deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li tifforma parti integrali minnha lill-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Awdituri, l-Ombudsman Ewropew u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jagħmel l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni tagħhom f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President — Hans-Gert PÖTTERING

Is-Segretarju Ġenerali — Harald RØMER

([1]) ĠU L 78, 15.3.2006.
([2]) ĠU C 274, 15.11.2007, p. 1.
([3]) ĠU C 273, 15.11.2007, p. 1.
([4]) ĠU C 274, 15.11.2007, p. 130.
([5]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.